**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru: 1946/2023 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Numru: 574/2023 fl-ismijiet:**

**Elvia Cini u Etienne Cini**

**vs**

**Francis Carabott**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Francis Carabott tat-22 t'Awwissu 2023 fejn talab il-hrug tal-kontro-mandat opportun ghal mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, wara li ippremetta is-segwenti:

   Illi fl-ottjeniment tal-mandat taghhom, is-sekwestranti Cini kienu ghamlu talba ghal ammont pretiz minnhom fl-inkwadratura ta' digriet tal-Qorti datat 14 ta' Settembru, 2021, u cioe ftit jiem qabel l-ewwel dehra nhar is-27 ta' Settembru 2021, meta kwazi sentejn ilu bdiet tinstema' din il-kawza.

Illi dan l-ammont gie depozitat permezz ta' cedola ta' APS Bank p.l.c. [C2192], liema cedola giet mehmuza mar-rikors. Illi din c-cedola issodisfat il-pretenzjonijiet tas-sekwestranti konjugi Cini fl-atti ta' dan il-mandat hawn suriferit.

Illi pero kien hemm Bank iehor, il-BOV li gie notifikat ukoll b'dan il-mandat 574/23 ghall-ammont ta' €1275.11 u l-Bank qed izomm dawn il-fondi pendenti direttivi li jista' jirrilaxhom lis-sekwestrat li ghandu 73 sena u li ghandu htiega ghal dawn flusu. Il-pretensjoniiet tal-konjugi Cilia huma mharsa u salvagwardati ghax depozitati taht l-awtorita tal-Qorti.

Illi l-objettiv ta' dana l-kontromandat odjern huwa proprju biex il-BOV ikollu direttiva mill-Qorti sabiex ikun jista' jirilaxxa l-ammont ta' €1200 lill-imsemmi sekwestrat Francis Carabott, K.I. 0632850, stante li l-pretenzjonijiet tas-sekwestranti huma gja sodisfatti.

2. Rat ir-risposta tal-intimati Elvia Cini et fejn esponew is-segwenti:

Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni li dan il-mandat jigi kontromandat, stante illi huma thallus l-multa u penali li Francis Carabott gie ikkundannat ihallas b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2021.

Illi ghalhekk, huma m'ghandhomx oggezzjoni ghar-revoka ta' dan il-mandat ghax huma gew sodisfatti.

3. Rat l-atti kollha ta' din il-procedura u d-dokumenti ipprezentati.

**Konkluzjoni**

4. Konsegwentement, il-Qorti qed tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors ta' Francis Carabott tat-22 t'Awwissu 2023 ghal hrug tal-kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-istess rikorrent.

**Magistrat**